# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax  :  2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt       Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 77

Data tal-laqgħa:  15 ta' Novembru, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023  fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Assenti | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**77/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**77/01/01** Ma kienx hemm.

**77/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 76**

**77/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**77/02/02** **Para 76/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħlijiet li ħa jsiru fil-kamra li tinsab biswit l-iskola ħa jiġu iffinanzjati mill-Primary Health Care.

**77/02/03** **Para 76/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**77/02/04** **Para 76/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadu ma bediex.

**77/02/05** **Para 76/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet irċevuta għall-applikazzjoni mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.*

**77/02/06** **Para 76/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**77/02/07** **Para 76/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**77/02/08** **Para 76/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**77/02/09** **Para 76/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**77/02/10** **Para 76/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-permess sabiex l-bust ta' Guido Tanti jitpoġġa fi Ġnien il-Paċi ħareġ.

**77/02/11** **Para 76/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approva l-istrippi ta' mal-art għal Triq San Ġwann iżda dawn ħa jsiru wara x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**77/02/12** **Para 76/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *notice boards* għadhom mhumiex lesti.

**77/02/13** **Para 76/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet kuntatt mal-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**77/02/14** **Para 76/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi għandna bżonn 3 stimi.

**77/02/15** **Para 76/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lid-dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi *re rain surface runoff increase causing flooding of fields (Triq tal-Ferħa).* Barra minn hekk, il-laqgħa mal-Onor. Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ħa ssir nhar 23 ta' Novembru fil-11:30am.

**77/02/16** **Para 76/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se jibgħat proposta minħabba talba ta' resident għal *culvert* quddiem garaxx fi Sqaq numru 1, Triq San Nikola.

**77/02/17** **Para 76/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għat-Triq tal-Ferħa (fil-wied).

**77/02/18** **Para 76/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Keep Clear* quddiem dar fi Triq San Nikola ġiet approvata minn Transport Malta.

**77/02/19** **Para 76/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**77/02/20** **Para 76/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal Triq Għaxqet l-Għajn qrib id-dar numru 2.

**77/02/21** **Para 76/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Infrastructure Malta fuq minn se ikompli x-xogħol fi Triq il-Kbira.

**77/02/22** **Para 76/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ bozzoz fi Sqaq fi Triq Santa Katerina għadhom ma ġewx approvata minn Enemalta plc.

**77/02/23** **Para 76/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ rubber wall guards għal Triq il-Ġdida għadhom ma sarux.

**77/02/24** **Para 76/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Infrastructure Malta fuq il-globi ta' ħdejn iz-zebra crossing fi Triq Caravaggio.

**77/02/25** **Para 76/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* quddiem numru 64 fi Triq F. Zarb trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**77/02/26** **Para 76/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser għadha ma ġietx approvata minn Enemalta plc.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**77/02/27** **Para 76/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert.

**77/02/28** **Para 76/03/02:** Il-Kunsill iddiskuta kif ser ikun imqassam il-programm tal-Christmas Market.

**77/02/29** **Para 76/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru double yellow lines viċin ta' għalqa fi Triq in-Naxxar.

**77/02/30** **Para 76/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella ta' no heavy vehicles fi Triq San Nikola trid teħel mal-faċċata tal-ewwel dar.

**77/02/31** **Para 76/05/12:** Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra li resident ta' Triq l-Isqof Gargallo biex naraw jaqblux li ssir *ruber hump* viċin ta' dog bin.

**77/02/32** **Para 76/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid tiltaqa' mar-residenta li pproponiet li jsir bank fuq blata fil-wied tal-Ferħa.

**77/02/33** **Para 76/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* ta' Triq Għaxqet l-Għajn (mid-Duluri 'il ġewwa) trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**77/02/34** **Para 76/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-siġar inżabru u l-ħaxix inqata' ta' Triq Santa Katerina.

**77/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**77/03/01** Is-Sindku qalet li bagħtet talba lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am *no access to Gharghur* fi Triq John Adye; Biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am hekk kif tohrog mill-barriera fi Triq John Adye u biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am Triq Birguma fil-bicca ta' fuq.

**77/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**77/04/01** Ma kienx hemm.

**77/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**77/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 ta' Ottubru 2023).

**77/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Ottubru 2023).

**77/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 ta' Ottubru 2023).

**77/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' Novembru 2023).

**77/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Novembru 2023).

**77/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Lokali s-Swieqi fejn qed jistaqsu jekk hux possibli li jsir xi tip ta'*risk assessment report* dwar kemm il-tunellaġġ jiflaħ dan il-bridge. Dan peress li ta' spiss qed jgħaddu trakkijiet kbar u goffi minn fuqu. Il-Kunsill qabel li jressaq din il-proposta kemm quddiem l-Onor Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi kif ukoll il-Kunsill Reġjonali Lvant.

**77/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta (Ref:11044) rigward talba għal Parkeġġ Riservat Personalizzat fi Triq Caravaggio.

**77/05/08** Is-Sindku qalet li Kunsill irċieva offerti mingħand Jurgen Baldacchino għal kwotazzjonijiet Armar B'Dawl Dekorattiv għall-Milied. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati.

**77/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Appoġġ – In-naħla Maltija bħala l-Insett Nazzjonali.

**77/05/10** Ġiet innutata quotation minn C. C. Security Systems (*camera, cables, connections and installation* €684.40). Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**77/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mark Scerri Simiana (MTA) li nfurmana li l-applikazzjoni tagħna ġiet approvata biex nipparteċipaw fl-Skema ta' Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2023-2024.

**77/05/12** Is-Sur Thomas Debono minn Transport Malta għarrafna li mhux rakkomandabbli li Triq San Ġwann (bejn l-ATM u Triq San Bartilmew) tiġi *one-way* waqt il-ħruġ ta' tfal mill-iskola.

**77/05/13** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* ħdejn 102, Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**77/05/14** Fuq it-talba ta' residenta għal *bollard* ħdejn 125, Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu li nieħdu parir minn Transport Malta.

**77/05/15** Fuq it-talba għal żewġ *MC bays* fi Triq il-Kbira viċin id-dar tal-kavallieri. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**77/05/16** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq Mons. Luigi Catania qrib il-mużew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**77/05/17** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* ħdejn 4, Triq ix-Xwieki. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**77/05/18** Fuq it-talba ta' resident għal żewġ *dog bins* fi Triq l-Isqof Gargallo. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**77/05/19** Fuq it-talba ta' residenta biex jitneħħa d-*dog bin* ta' Triq D. Farrugia. Kien hemm qbil unanimu.

**77/05/20** Fuq it-talba ta' resident sabiex il-*Communal Reserved Parking Bay* ta' Misraħ il-Knisja tiġi bil-ħin. Kien hemm qbil unanimu li nieħdu parir minn Transport Malta.

**77/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**77/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**77/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**77/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru 2023 fil-5:30p.m.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |